MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 231/2006

**Illum 27 ta’ Novembru 2006**

**App Nru 231/06 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Camilleri bin Joseph u Coronata nee` Muscat talli fis-27.09.2005 ghal habta tal-11:00am waqt li kien isuq vettur motorcycle Suzuki isfar f’Ghajnsielem, Ghawdex:

1. naqas li jobdi minnufih indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul lilu mill-pulizija;

2. saq motorcycle minghajr pjanci li juru l-marka tar-registrazzjoni;
3. saq motorcycle tal-marka Suzuki minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta;
4. saq l-istess motorcycle meta ghal uzu ta' dik il-vettura ma kienetx issehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104;
5. u aktar talli fl-istess data, hin, u post saq dan il-motorcycle b'manjiera perikoluza; u
6. u b'velocita` eccessiva;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta' Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Raymond Camilleri mit-tieni imputazzjoni u mit-tielet imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu multa komplessiva ta' elf lira (Lm1,000), u skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Camilleri, minnu prezentat fl-20 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza biex b'hekk huwa jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2006; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu bazikament fis-sens li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma setax jinghad b'certezza morali, cioe` sal-grad rikjest f'kawzi penali, li s-sewwieq tal-mutur li lemhu u ppruvaw iwaqqfu l-pulizija kien effettivament l-imputat, illum appellant. Fir-rikors tieghu l-appellant jirrileva dawk li huwa jsejjah bhala diversi inkonsistenzi fid-deposizzjonijiet tas-Surgent 1464 Portelli u tal-Kuntistabbli 1371 Grech, inkonsistenzi li, skond hu, joholqu dubbju dettat mir-raguni dwar is-sewwieq tal-mutur.

Fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2006, din il-Qorti regghet semghet lil PS1464 Michael Portelli u lil PC1371 Alfred Grech, kif ukoll lil Saviour Farrugia – dan ta' l-ahhar in

rappresentanza tal-ADT. Mid-deposizzjonijiet taz-zewg membri tal-Korp tal-Pulizija din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, m'ghandhiex l-icken dubbju li s-sewwieq tal-mutur fil-gurnata in kwistjoni kien l-appellant, u dan mhux biss ghax kemm is-Surgent (li kellu diversi kuntatti "professjonali" precedentement ma' l-appellant) kif ukoll il-Kuntistabbli gharfuh minkejja l-*full face crash helmet* li kien liebes, <u>izda wkoll</u> ghax meta, erbat ijiem wara, marru biex jarrestawh u talbuh jurihom il-mutur li kien qed isuq, l-appellant ma cahadx maghhom li kien hu li kien qed isuq il-mutur – qalilhom biss li dak il-mutur kien iddispona minnu fi *skip* u pproducielhom il-*log book* tieghu. Il-*log book* li pproduca kien jirreferi ghal mutur li l-licenzja tieghu kienet ilha ma tiggedded mill-2002 ghax suppost li kien gie ggaraxxjat. Ghalhekk anqas seta' dak il-mutur ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni fis-27 ta' Settembru 2005.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tibda mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------